# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 1 Marzu April 1994

**Ħarġa ġdida ta'**

***kull xahrejn***

**għall-membri MOS ta' taħt l-erbatax-il sena.**



Mis-Simar...

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata



Victor Falzon

*Russett Griż*

MOS

BirdLife INTERNATIONAL

IL-Magażin tal-KLABB ĦUTTAF

# editorjal



Għeżież Ħuttaf,



Wara sena u nofs li bdejna nistampaw l-**MOSY Newsletter**, li imbagħad sar jisimha **Il-Ħabbara**, ħassejna l-bżonn li nkabbruha għax kellna ħafna aktar x'ngħidulkom! Barra minn hekk, il-magażin **Il-Kanġu** kien ilu ftit ma joħroġ, u kien qiegħed ftit ftit isir fatat! Aħna mhux fatati rridu, imma affarijiet fuq tagħhom u interessanti li bihom titgħallmu fuq in-natura Maltija.

Allura ħsibna biex inbiddlu ftit l-affarijiet. Se ngħaqqdu flimkien **Il-Kanġu** u **Il-Ħabbara**, u jsiru magażin ġdid, li huwa dan li għandkom f'idejkom bħalissa. Kif taraw, dan il-magażin ġdid jismu **Il-Ħuttafa**. Taħsbux li b'daqshekk iġġilidna mal-kanġu ta' Filfla. Imma issa l-kanġu għandu bżonn jistrieħ, għax ilu jaqdina erbatax-il sena sħaħ. Ta' min jagħtih ċans!!

**Il-Ħuttafa** se ssibuha tbejjet fil-kaxxa tal-posta tagħkom sitt darbiet fis-sena! Fi kliem ieħor kull xahrejn jibda jaslilkom id-dar dan il-magażin informattiv. Biż-żmien għad inkabbruh ukoll. **Il-Ħuttafa** rridu nagħmluha interessanti kemm nifilħu, b'tagħrif, ritratti, ċajt, aħbarijiet, logħob, tpinġija, ittri eċċ.

Fil-**Ħuttafa** wkoll nibdew inħabbrulkom x'attivitajiet ikunu ħa jsiru għalikom, bħalma konna nagħmlu fil-**Ħabbara.** Tħabblux raskom fuq dan.

U bħas-soltu: ibżgħu għall-kopji kollha tagħkom tal-**Ħuttafa**. Faddluha, agħmlu folder għaliha. U studjawha, biex jekk xi għaref jiġi jgħidilkom xi ħaġa kontra n-natura, ikollkom mhux biex twiġbuh, imma biex twerrċuh, tgħallmuh, iddawruh... u ddaħħluh membru fil-Klabb tagħna, il-Klabb tal-Ħuttaf! U jkun ħaqqkom verament prosit... Ħuttaf!



**Victor Falzon**
L-Editur



Nieħdu pjaċir nisimgħu l-kummenti, mistoqsijiet, kritika u suġġerimenti tagħkom dwar il-magażin. Toqogħdux lura: iktbuli fl-indirizz:

**L-Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**MOS POBox 498**
**Valletta CMR 01**





Il-working group tal-Klabb Ħuttaf bħalissa huwa magħmul minn dawn in-nies:

**Robert Borg**
**Audrey Chetcuti**
**Joseph Dunlop**
**Desirée Falzon** (il-Kapo!)
**Victor Falzon**
**Graziella Fenech**
**AnneMarie Scicluna**






"Gorok, jekk tinsa ttaqqab l-għatu se jerġgħu jmutulek!"

Il-Klabb Ħuttaf hija t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Il-Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-membri huma bħalissa maqsumin f'żewġ reġjuni ġeografiċi, jiġifieri l-Ħuttaf ta' Fuq u l-Ħuttaf t'Isfel. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1994
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Is-Simar



Joe Sultana

X'jisbieħ is-Simar!!

Qatt smajtu bis-Simar? Is-Simar huwa l-isem ta' riserva naturali ġdida li l-MOS qiegħda toħloq fil-wied tal-Pwales, li jiġi 'l ġewwa mill-bajja tax-Xemxija.

Xi darba fil-passat imbiegħed dan il-post kien bur mgħarraq bl-ilma u t-tajn, dak li bl-Ingliż isejħulu *marshland.* F'dan il-post kien jikber is-simar, pjanta li tħobb ħafna dan it-tip ta' ambjent niedi, tant li l-post issemma' għaliha. Imbagħad kien tħaffer kanal fin-nofs u l-ilma ta' l-inħawi qaleb kollu għal ġo fih u minn hemm għall-baħar. Biż-żmien l-ambjent tbiddel, it-terran nixef, it-tajn tballat u l-post beda jintuża bħala grawnd. Il-kanal sar miżbla b'kull xorta ta' moqżiżeriji ġo fih, u beda spiss ifur id-drenaġġ għal ġo fih ukoll. U sparixxiet il-pjanta tas-simar, u minflokha tfaċċaw il-boroż tal-krips!

Sentejn ilu l-MOS bdiet proġett biex tnaddaf dan il-post, tipproteġih mill-vandali u mill-kaċċaturi, tirranġah u tipprova terġa' ġġibu qrib l-istat naturali li kien fih qabel. Imsomma, l-MOS qed tipprova tqajjem lis-Simar mill-mewt!!

Sar ħafna xogħol bil-gafef, bl-għodda u bl-idejn, u s-Simar fl-aħħar qiegħed jerġa' jsir sabiħ. Tħawlu fih mijiet ta' siġar indiġeni bħal bruk, żnuber, luq, ħarrub, safsaf, rand u oħrajn. U naturalment tħawlet mill-ġdid il-pjanta tas-simar. Il-ħofor kbar li tħaffru bdew jintlew bl-ilma tax-xita mill-għoljiet, u saru għadajjar il-ġmiel tagħhom. Xi siġar ħadu weħidhom u tielgħa partita qasab mal-ġnub ta' l-għadajjar. L-għasafar indunaw bid-differenza, u diġa bdew niżlin għall-kenn fis-Simar. Tiġieġ tal-baħar, blonġos, glalez suwed, irsieset, fras servjent, beggazzin u xi borok ukoll

Fil-futur se jinbnew xi ħajds. Dawn ikunu kmamar apposta (bħalma hemm fir-riserva l-oħra ta' l-Għadira) fejn min irid ikun jista' joqgħod jittawwal bil-kumdità kollha għal ġor-riserva u jara l-għasafar ħajjin u kuntenti.




Daqquqa Kaħla
Cuckoo

# Riserva fir-Russja

Ir-Russja ddikjarat riserva naturali kbira (xi 40,000km$^2$ - mija u tletin darba d-daqs ta'Malta!!). Qiegħda fit-tramuntana tal-peniżola Taymyr. L-ambjent ta' din ir-riserva huwa **tundra**, jiġifieri art miksija b'ħafna speċi ta' ħażiż (mosses) u likeni (lichens). F'dan il-ħabitat ma tantx jikbru siġar ħlief xi safsaf (willow) baxx max-xmajjar. F'dir-riserva jbejtu ħafna eluf ta' tajr tal-plajja bħal pluverott (redshank) u tajr bħal wiżż (geese). Il-post importanti wkoll għall-kolonji ta' walrus.



## Sib it-tajr moħbi !!

Hawn sitt għasafar moħbijin f'dawn il-kaxxi. Kull għasfur għandu ismu b'seba' ittri imqassmin fuq seba' kaxxi. Ibdew minn ta' fuq u ibdew niżlin sa ma tgħaqqdu l-isem. L-ewwel waħda tajnihielkom. Liema huma l-ħamsa l-oħra?




1....malvizz......
2..................
3..................
4..................
5..................
6..................



ittra

# Jgħinu lin-Natura...

Għażiż Editur,

L-ewwel ħaġa xtaqt ngħid prosit kbira lill-MOS tal-pożizzjoni li ħadet fuq il-kwistjoni tal-kaċċa.

F'din l-ittra jienq nixtieq ngħidlek li jien qiegħed f'għaqda ambjentali ġdida li jisimha **Għaqda Żgħażagħ Ngħinu n-Natura** (Nature Helpers Group - NHG). Din l-għaqda ġiet iffurmata fl-1989 minn grupp ta' żgħażagħ f'Ħal Luqa. Wara bdiet tinxtered ma' Malta kollha. Il-kumitat hu bażikament magħmul minn żgħażagħ ta' erbatax-il sena. L-NHG toħroġ fuljett kull xahar li jismu *Kelmet in-Natura*. Il-miżata hija ta' 50ċ fis-sena. L-għaqda tieħu ħsieb wied f'Ħal Luqa. Hemmhekk jitħawlu siġar u jsiru ħafna kampanji ta' tindif. Għal iżjed informazzjoni tistgħu ċċemplu fuq in-numru 816274.

Grazzi ta' kollox li qed tagħmlu ma' l-ambjent Malti. Keep it up!!



Sergio Morana

Good Earth
NATURAL FOODS

OFFERING A WIDE SELECTION OF:

* Grains * Lentils * Beans * Herbs & Spices * Condiments & Seasonings * Breakfast Cereals * Traditional & Herbal Teas * Nuts * Seeds * Dried fruits * Wholemeal Bakes & Breads * Daily Baked Confectioneries & Much More

*Good Earth Distributors Ltd*
29, Main Str
Balluta
Tel: 341853.

***HELPING YOU MAKE HEALTHY CHOICES!***

F'KULL ĦARĠA TAL-MAGAŻIN TAGĦNA SER NIBDEW NIDDEDIKAW PAĠNA LIL GĦASFUR PARTIKOLARI, INDURU DAWRA MIEGĦU U MAL-ĦAJJA LI JGĦIX, NARAW KIF JIFFITTJA FIN-NATURA U FIL-KATINA TAL-ĦAJJA. XIERAQ LI GĦALL-EWWEL ĦARĠA TAL-ĦUTTAFA NITKELLMU FTIT DWAR...

# IL-ĦUTTAF

Mark Falzon



Billi bħalissa huwa żmien il-passa, ser nitkellmu fuq għasfur li jpassi minn fuq gżiritna: il-ħuttafa.

Il-ħuttaf iżurna darbtejn fis-sena. Narawh minn Marzu sa Mejju, meta jkun qed jivvjaġġa lejn l-Ewropa biex jibni l-bejta; u minn Awwissu sa Ottubru meta jkun sejjer lura l-Afrika biex iqatta' x-xitwa hemmhekk. Fiż-żewġ staġuni l-ħuttaf ikun komuni sew, u jidher kullimkien jittajjar u jħuf wara n-nemus u insetti rqaq oħra.

Il-ħuttafa hija għasfur żgħir (ftit iżgħar mill-għasfur tal-bejt) bi ġwienaħ twal ġejjin għall-ponta, u għandu denb f'għamla ta' mqass twil. Minn fuq għandu kulur iswed ikanġi fil-blu, u minn taħt ikun ta' lewn abjad maħmuġ. Fuq għonqu għandu dabra ħamranija skura, u kollox ma' kollox għandu dehra tassew sabiħa. Il-ħawwief, kuġin tal-ħuttaf, huwa abjad minn taħt, u denbu jkun iqsar sew.

L-ikel tal-ħuttafa huwa nemus, li jaqbad fit-titjir. Biex jaqbad l-insetti fl-ajru, il-ħuttaf għandu binja speċjali: ġwienaħ twal u rqaq biex itir b'ħila kbira, għajnejn li kapaċi jaraw l-iċken insett, u ħalq kbir u ċatt biex ikun jista' jaħtaf in-nemus.

Il-ħuttaf dara jgħix qrib tal-bniedem, u ħafna drabi jibni l-bejta taħt xi travu f'xi dar qadima jew għorfa. Il-bejta tixbaħ skutella żgħira, u tkun magħmula minn tajn u ħuxlief li l-ħuttaf jgħaqqad flimkien b'sengħa kbira. F'din il-bejta kennija l-ħuttafa mara tbid minn 4 sa 6 bajdiet, u fiha jitrabbew il-frieħ. It-trobbija tal-frieħ teħtieġ ħafna ikel, u għalhekk l-omm u l-missier iqattgħu ħinijiet twal jaqbdu n-nemus biex iżoqqu l-frieħ tagħhom. Hawnhekk tistgħu taħsbu kemm jagħmlu ġid għasafar bħal dawn fil-kampanja - dan billi jaqbdu ħafna insetti li kapaċi jkunu ta' ħsara. Mhux soltu li l-ħuttaf ibejjet f'Malta, imma rarament jibqa' xi par li jekk ikun b'xortih tajba jibqa' ħaj u jrabbi familja.



Waqt il-passa, il-ħuttaf ikun komuni ħafna, u tista' tgħid tiltaqa' miegħu kullimkien. Fir-rebbiegħa tarah l-iktar jittajjar fi qtajja' żgħar fuq l-għelieqi tal-qamħ u tas-silla, u filgħaxija ħafna jinġabru biex jorqdu f'xi wied bil-qasab. F'Settembru l-masġar tal-Buskett jiġbed lejh ħafna ħuttaf, li jsib ħafna ikel fl-ambjent umdu li joħolqu s-siġar. Aktar iva milli le l-ħuttaf tarah itir, imma mhix l-ewwel darba li jinżel jistrieħ fuq xi wajer tad-dawl. Jekk wieħed jersaq lejh bil-mod, jista' josservah mill-qrib u jammira l-ħlewwa u l-binja misluta ta' dan l-għasfur.

Fin-natura l-ħuttaf ftit għandu għedewwa, ħlief għal xi seqer li jaħtfu mill-ajru jew xi serp li jattakka l-bejtiet. S'intendi s-seqer u s-serp iridu jieklu wkoll, u dan kollu għandu sehem fin-nisġa ta' l-ikel li permezz tagħha n-natura żżomm il-bilanċ, inkella jkun hawn wisq ħuttaf fid-dijna. Huwa biss il-bniedem li spiss iħarbat din in-nisġa, u għadek tara ħafna kaċċaturi li jisparaw fuq il-ħuttaf għall-gost. Ħasra li għasfur tant sabiħ u bżonnjuż jintemm hekk mejjet għal xejn b'xejn.

**ISLAND SANCTUARY - TAS-SILG**
**Needs homes for many dogs, for viewing tel. Elaine on 688895/688558**


# Attività

## Għal Wied l-Isqof...


bagħal ta' l-għolliq

Forsi mhux magħruf daqs il-Wied tal-Buskett, imma Wied l-Isqof huwa xorta waħda interessanti għall-ħajja li fih. Fil-bidu ta' dal-wied, per eżempju, insibu tikber l-unika **Safsafa Kbira** (white willow) selvaġġa li baqa' fil-gżejjer Maltin. Hemm ukoll xi **Safsaf Żgħir** (Mediterranean willow), rarissmi wkoll; hemm siġar ta' l-**Ulmu** (elm), speċi rari wkoll. U hemm il-pjanta li nafuha bħala **Denb iż-Żiemel** (horsetail). Rari daqs kemm hi stramba - qisha spagetti weqfin ħodor!

Min jixtieq jara dawn l-affarijiet...jiġi magħna. Hemm qegħdin - jistennewna! U magħhom partita għasafar...

Dati: **Is-Sibt 19 Marzu 1994** - għall-Ħuttaf ta' Fuq
**Il-Ħadd 27 Marzu 1994** - għall-Ħuttaf t'Isfel
Niltaqgħu: **Ħdejn tal-ħalib, Bieb il-Belt**
Ħin: **8.00 am**
Lura l-Belt: **xi s-2.00pm**




denb iż-żiemel

## Ġurnata fuq
# KEMMUNA

**F'Malta għandna 22 riserva naturali. Fost dawn, l-ikbar waħda hija Kemmuna. Fuq Kemmuna ma tistax issir kaċċa. Għalhekk dil-gżira tista' ssir ġenna ta' l-art għan-natura...**

Aħna ħa naqbżu qabża s'hemm ħalli naraw b'għajnejna l-ġmiel naturali ta' din ir-riserva naturali. Se nqattgħu ġurnata, jiġifieri ġibu magħkom x'tieklu u x'tixorbu. Ġibu xi ħaġa għal raskom għax taf tkun xemx taħraq. Ġenituri, tistgħu tiġu bil-qalb kollha. Tkunux fost dawk il-Maltin li qatt ma żaru din il-ġawhra ta' pajjiżhom!!




Minħabba li se nikru lanċa, **irridu nafu minn qabel kemm se nkunu nies**. Għalhekk jekk titħajjar tiġi, imla l-applikazzjoni (paġna 8 - taħt il-label) u ibgħatha flimkien mal-flus (ċ'ekk jew bolli tal-4ċ jew 5ċ mhux użati - *tibgħatx flus bil-posta*) f'dan l-indirizz:

Dati: **17 April 1994 għall-Ħuttaf t'Isfel**
**24 April 1994 għall-Ħuttaf ta' Fuq**
Prezz: **Lm1.25** kull persuna
Se niltaqgħu mill-ewwel il-Marfa jew iċ-Ċirkewwa, u niġu lura għall-ħabta ta' l-4.00pm. Dettalji preċiżi nagħtuhom aktar 'il quddiem lil dawk stess li japplikaw.

**Applikazzjonijiet li jaslu wara l-10 ta' April jintbagħtu lura.**

Ħarġa Kemmuna
Ħuttaf
MOS - POBox498
Valletta CMR 01

PANINI
WORLD CUP
USA '94


Segretarjat AMBJENT
In-natura sinjura
Tfaqqarhiex!!

POULTON'S PRINT SHOP LTD

OFFSET PRINTERS

Specialising in the printing of Magazines, Brochures & Calendars with WIRE-O Binding.

Drive in,
off Valletta Road,
Qormi, QRM 05, Malta
Tel/Fax: 495111



We guarantee:

★ Quality
★ Punctuality
★ Competitive prices





Newsletter Marzu - April 1994

## APPLIKAZZJONI GĦALL-KEMMUN

**Ġej/Ġejjin għall-ħarġa ta'**

- [ ] **17 April 1994 (Ħuttaf t'Isfel)**
- [ ] **24 April 1994 (Ħuttaf ta' Fuq)**

**Isem:** ______________________

**Indirizz:** ______________________

______________________ **Tel:** __________

- [ ] **Ġej waħdi.**
- [ ] **Se nkunu ____ min-nies.**

**Ma' din l-applikazzjoni qed nibgħat ċekk/bolli mhux użati b'valur ta' Lm ______**